# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

***MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO***
**B.A. M.A.(FIN. SERV.) LL.D.**

**Seduta tal-llum 30 ta' Settembru 2022**

**Edward Borg (K.I 701436M)**

***vs***

**Raymond Mercieca (K.I 355257M)**
**Jennifer Mercieca (K.I 806048M)**

**Awtorita' tad-Djar**

**Kawża Numru : 39**
**Rikors Numru : 970/2021 NB**

**Il-Bord,**

## I. PRELIMINARI

**Ra r-rikors ta' Edward Borg (K.I 701436M) datat 29 ta' Novembru 2021 fejn gie premess:**

i. Illi r-rikorrenti huwa proprjetarju tal-fond 6, Triq il-Freres, Gzira li huwa u ohtu mejta Lucretia *sive* Gracie Calleja kienu akkwistaw mill-eredita tal-mejta genituri taghhom Francesco u Maria Stella Borg illi mietu rispettivament fid-8 ta' Settembru 1966 u 14 ta' Novembru 1979.

ii. Illi l-wirt tal-mejtin genituri tieghu ddevolva skont testment unica charta tal-16 ta' Frar 1963, fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Bonello hawn anness u mmarkat bhala *'__Dokument A__'*, fejn huma hallew lil uliedhom, Lucretia sive Grace Calleja nee

Borg u Edward Borg ossia r-rikorrenti bhala eredi universali taghhom, fi kwoti ugwali bejniethom.

iii. Illi l-wirt tal-mejtin ġenituri tiegħu gie debitament denunzjati lil Kumissarju tat-Taxxi Interni, permezz ta' denunzja nru: 2791/66 u 760/80 u peress li ghaddew iktar minn 10 sena mil-mewt ta' missieru m'hemmx ghalfejn tigi prezentata it-tali denunzja. Illi d-denunzja ta' ommu qed jigi hawn anness u mmarkat bhala <u>'Dokument B'</u>

iv. Illi oht r-rikorrenti Lucretia sive Grace Calleja nee Borg mietet fis-17 ta' April 2020.

v. Illi Lucretia sive Grace Calleja, b'zewg testmenti, wiehed tas-6 ta' Marzu tal-1998 u l-iehor tal-1 ta' Marzu 2006 fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Rosario Bonello hawn anness u mmarkat bhala *<u>'Dokument C'</u>* halliet lil huha, Edward Borg, ossia r-rikorrenti, bhala eredi universali taghha.

vi. Illi b'dikjarazzjoni causa mortis tas-16 ta' Settembru 2020 fl-atti tan-Nutar Petra Burlo, l-wirt ta' ohtu gie debitament denunzjat lil Kummissarju tat-Taxxi Interni, u dan skont d-dokument hawn anness u mmarkat bhala *<u>'Dokument D'</u>.*

vii. Illi dan il-fond ilu mikri lill-intimati Mercieca u lill-genituri taghhom ghal decenni shah ai termini tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, ossia qabel l-1 ta' Gunju 1995, b'kera tenwa ta' Lm12.00c fis-sena.

viii. Illi bi skrittura tal-21 ta' Mejju 2009 hawn annessa u mmarkata bhala *<u>'Dokument E'</u>* il-kontendenti ghajr ghall-Avukat tal-Istat fthemu fuq awment ta' kera li xorta ma kienx jirrispekkja s-suq, stante illi l-kera saret €466.00c fis-sena, u dan minhabba illi l-intimati Mercieca kienu protetti bid-disposizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta u sussegwentement tal-Att X tal-2009.

ix. Illi effettivament wahda mill-klawzoli tal-istess skrittura tghid illi a skans ta' kull ekwivoku, l-iskrittura privata Dokument E ghandha tigi meqjusa mhux bhala kirja gdida ai termini tal-Ligi imma regolata bil-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

x. Illi f'dan l-istadju, ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponenti huma intitolati jippreżentaw rikors quddiem dan il-Bord fejn jitolbu li l-kera jiġi rivedut għal ammont li ma jeċċedix it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni fl-1 ta' Jannar tas-sena li matulha jiġi preżentat ir-rikors, ossia l-2021, u sabiex jiġu stabbiliti kondizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera.

xi. Illi dan l-Onorabbli Bord ghandu jirrevedi l-kera ghall-massimu permissibbli mil-Ligi, u dan mhux biss in vista tal-fatt illi l-esponenti ilhom snin shah jsofru ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom minhabba li kienu kostretti jirċievu kera irrizorja, imma anke minhabba l-fatt illi l-Awtorità tad-Djar f'kazijiet bhal dak odjern fejn l-inkwilin huwa pensjonant jinghata s-sussidju massimu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrrenti jitolbu bil-qima lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu:-

I. Jiddikjara u Jiddeciedi illi Raymond Mercieca (K.I. 355257M) u Jennifer Mercieca (K.I. 806048M) huma l-inkwilin tar-rikorrenti fil-fond 6, Triq il-Freres, Gzira, ai terminital-Kap.69 tal-Ligijiet ta' Malta.

II. Jordna illi jitwettaq it-test tal-mezzi ta' Raymond Mercieca (K.I. 355257M) u Jennifer Mercieca (K.I. 806048M) ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, liema test tal-mezzi ghandu jkun ibbażat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), mahruga taht l-Artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili u kwalunkwe regolamenti li jistgħu minn żmien għal żmien jissostitwuhom.

III. Konsegwentement Jiddikjara u Jiddeciedi illi ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta l-kera ghandu jiġi rivedut għal ammont li ma jeċċedix it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena, jew kwalunkwe persentagg li jista' minn żmien ghal żmien jigi stabbilit, tal-valur liberu u frank fis-suq miftuh tad-dar ta' abitazzjoni fl-1 ta' Jannar 2021, u cioe s-sena li matulha gie preżentat ir-rikors u sabiex jiġu stabbiliti kondizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera jekk jkun il-kaz.

IV. Tikkundanna lill- Raymond Mercieca (K.I. 355257M) u Jennifer Mercieca (K.I. 806048M) jhallsu dik it-tali kera hekk likwidata.

V. Jaghti dawn l-ordnijiet necessarji ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta f'kaz li l-kerreja ma jissodisfawx il-kriterji tad-dhul u tal-kapital tat-test tal-mezzi.

Bl-ispejjez, u bl-ingunzjoni tal-intimata minn issa in subizzjoni.

**Ra r-risposta tal-Awtorita tad-Djar datata 4 ta' Jannar 2022 (fol 29) fejn ġie espost:**

Illi l-attur irid qabel xejn jipprova it-titolu tieghu u li hu wahdu huwa s-sid uniku tal-fond.

Illi l-atturi ukoll ghandhom jipprocudu u jesebixxu d-dikjarazzjonijiet causa mortis tad-defunti awturi taghhom.

Illi qabel xejn dan il-bord ghandu jikkonstata jekk l-Att XXIV tal-2021 ghandux jigi applikat ghal dan il-kaz.

Illi l-Awtorita' tad-Djar giet notifikata f'din il-kawza bhala intervenuta fil-kawza a bazi tal-Att XXIV tal-2021; allura ukoll l-Awtorita' tad-Djar ghandha id-dritt li tippartecipa fil-kawza u jekk taghmel dan, taghmel hekk biss bhala intervenuta fil-kawza. U ghalhekk l-Awtorita' tad-Djar anke f dan il-kaz ma ghandiex tbati l-ispejjez. U dan kollu purche jirrizulta li l-Att XXIV tal-2021 hu applikabbli ghal kaz in kwistjoni.

Illi l-Periti mahtura bil-ligi ghandhom jaghtu il-valur tal-fond liberu u frank fis-suq miftuh imma kif ikun fl-1 ta' Jannar tas-sena li fih isir ir-rikors. Mela il-valur irid isir tal-fond li hemm kif qed jigi mikri u mhux kif jista' jigi svillupat. Kieku ried hekk il-legislatur kien jghid hekk.

Illi jigi rilevat li f kaz li l-inkwilini jissodisfaw it-test tal-mezzi impost bil-ligi allura il-kera ghandha tigi fissata f' ammont ta' mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjeta u dan skont l-Art 4A tal-Kap 69, jew Art 12B tal-Kap 158.

Intant qed jigi anness Dok HA1 li jindika il-mod kif l-Awtorita' tad-Djar ser tun qedtissussidja lil minn ikun jikkwalifika.

Illi jigi rilevat li l-inkwilini ikunu jistghu jibbenefikaw minn skema ta' sussidju tal-kera jekk tikkwalifika skont il-kondizzjonijiet tal-istess skema - fost dawn il-kondizzjonijiet hemm dik li l-inkwilini iridu ikunu qedghin jabitaw fil-fond bhala residenza ordinarja taghhom.

Tant ghall-eghref gudizzju ta' dana l-Bord.

**Ra r-risposta ta' Raymond Mercieca detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 355257M u Jenifer Mercieca detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 806048M datata 10 ta' Jannar 2022 (fol 32) fejn ġie espost:**

1. Illi primarjament ir-rikorrenti trid igib prova tat-titolu li fuqha qed tibbaza l-azzjoni odjerna u mhux semplici dikjarazzjoni causa mortis datata 16 ta' Settembru 2020.

2. Illi fil-mertu, l-esponenti tokkupa l-fond de quo agitur, cioe dak bin-numru 6 fit-Triq il-Freres Gzira (Malta), u dan b'titolu validu ta' kera, kif ser jigu pruvat waqt is-smiegh ta' dan il-kaz;

3. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda in toto stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghas-segwenti ragunijiet;

4. Illi fl-ewwel lok l-esponenti dejjemagixxit skont id-dispozzizjonjiet tal-ligi, anzi additirttura hija l-inkwilin idoneju ai termini ta' l-istess ligi, sahansitra hija rikonoxxut wkoll mir-rikorrenti kif jirrizulta mill-isimijiet tal-kawza de quo, u qatt ma kisret il-kundizzjonijiet tal-kiri jew dawk impost mil-ligi, u dejjem hallset il-kera fil-hin (inkluz fil-perjodu ta' meta kienet intavolata il-kawza odjerna) dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

5. Illi bla hsara ghas-suespost ghandu ukoll jinghad, illi jekk l-esponenti ghamlet x-xogholijiet u benefikati fl-isemmi fond, kif ser jirrzulta fil-mori u s-smight tal-kawza, dan ghandu wkoll jittihihed in konsiderrazzjoni meta dan l-Onorabbli Bord, jevalwa l-valur lokatizzju tal-istess fond;

6. Illi ghandu wkoll jinghad, l-esponenti qieghed tgawdi d-drittijiet taghha fuq il-propjeta' de quo agitur b'titolu ta' lokazzjoni kif permessi skont il-ligi u fl-ammont ta' kera kif stabbilita taht il-ligijiet tal-kera u ghalhekk mhux qed tippregudika d-drittijiet tar-rikorrenti. Illi di piu, permezz tal-artikolu 1531C tal-Kodici Civili nholoq mekkanizmu ta' awment fil-kera li permezz tieghu l-kera tizdied kull tliet (3) snin b'mod proporzjonali ghall-mod li bih ikun zdied l-indici tal-inflazzjoni;

7. Illi bl-introduzzjoni tal-Att XXIV tal-2021 li dahal fis-sehh fl-1 ta' Gunju 2021 u l-emendi li saru fil-Kap 69, b'mod specjali l-introduzzjoni tal-Artikolu 4A, il-ligi qed taghti timedju effettiv ghall-infrazzjonijiet futuri li jistghu jgarrbu r-rikorrenti. Ghaldaqstant permezz ta' dawn id-dispozzjonijiet godda, l-intimata tista' tibqa' tistrieh fuq id-dispozzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Illi minghajr pregudizzju, il-Ligi tistipula sa massimu ta' tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur u ghalhekk il-Ligi m'hix tassattivi f'dan il-percentwal u li fl-umli opinjoni tal-esponenti ma jezistux il-kriterji necessarji sabiex dan l-Onorabbli Bord imur ghal-massimu stabbilit bil-Ligi;

9. Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, u kif se jigi muri waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-intimata konjugi Mercieca jissodisfaw u jikkwalifikaw ghat-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) mahruga taht l-artikolu 1622A tal-Kodici Civili. Ghaldaqstant, l-intimati konjugi Mercieca huma l-persuni li jimmeritaw l-protezzjoni socjali biex ikollhom akkomadazzjoni adegwata u xierqa ghad-dinjita' taghhom;

10. Illi l-propjeta' de quo hija l-uniku residenza li ghandhom l-esponenti fejn hija ilja toqghod fil-propjeta' ghal zmien twil, kif ukoll huma m'ghandhomx dawk il-mezzi li jippermettilhom biex ikollhom propjeta' alternattiva;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri kif permissibli mill-ligi.

Ghaldaqstant, ghal motivi permessi u l-provi kollha produccibli fl-istajdu opportun tas-smight tar-rikors premess, dan l-Onorabbli Bord li Jirregola l-Kera ghandu jichad it-talbiet kollha attrici.

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk ta' din l-istanzi u kwalunkwe cedoli li jistaw ikunu intavolati fil-mori, kontra r-rikorrenti.

**Ra l-verbali tas-seduti.**

**Ra l-atti proċesswali kollha.**

**Ra l-verbal tas-seduta tas-6 ta' Mejju 2022 fejn il-kawża tħalliet għallum għas-sentenza.**

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Ir-rikorrenti pproċeda bir-rikors odjern sabiex dan il-Bord jawmenta l-kera ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta tal-fond 6, Triq Freres, Gżira. Il-fond iddevolva b'wirt mingħand il-ġenituri tar-rikorrenti fuq ir-rikorrenti u oħtu (mejta) Lucretia sive Grace Calleja permezz ta' testment *unica charta* tas-16 ta' Frar 1963 fl-atti tan-Nutar Mario Bonello (Dok. A – fol 5 et seq). Lucretia sive Grace Calleja mietet fis-17 ta' April 2020. Hija ħalliet lir-rikorrenti bħala eredi universali tagħha hekk kif jirriżulta miż-żewġ testmenti datati 6 ta' Marzu 1998 u 1 ta' Marzu 2006 fl-atti tan-Nutar Mario Rosario Bonello. (Dok. C – fol 10 et seq). Il-fond ilu mikri lill-intimati u qabilhom lill-ġenituri tagħhom qabel l-1995. Fil-preżent il-kera hija ta' €466 fis-sena. Il-Bord ra wkoll in-nota tar-rikorrenti a fol 37 b'kopja tar-ricevuti tal-kera mahruga mir-rikorrenrti bhala werrieta tal-genituri taghhom Frank u Maria Stella Borg.

Il-Bord josserva li din il-kawża ġiet intavolata wara li ġie in vigore l-Att XXIV tas-sena 2021 intitolat 'Att li jemenda l-Liġijiet Relattivi Għall-kirjiet Residenzjali Protetti'. Dan l-Att li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2021 u introduċa l-Artikolu 4A tal-Kapitolu 69 taħt liema sar dan ir-rikors u emenda fost l-oħrajn ir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) (Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11).

Dan il-Bord ser jgħaddi biex jikkunsidra l-ewwel x'inhu meħtieġ skont dawn ir-Regolamenti biex l-intimati jitqiesu li jissodisfaw il-kriterji tat-test tal-mezzi. Skont ir-Regolament 2(2):

***(2) Sabiex tissodisfa l-kriterji tat-test tal-mezzi stabbiliti b'dawn irregolamenti persuna tkun meħtieġa li jkollha kemm dħul kif ukoll kapital fil-limiti stabbiliti b'dawn ir-regolamenti.***

Illi mill-provi prodotti ppreżentati permezz ta' nota ġuramentata tat-8 ta' Frar 2022 jirriżulta li fil-perjodu relevanti ċjoe' sena qabel ma ġie ntavolat ir-rikors odjern l-intimat Raymond Mercieca kellu 63 sena (Dok. A – fol 36) filwaqt li l-intimata martu kellha 72 sena (Dok. B – fol 37). Id-dħul tal-intimati fl-2020 (Dok. D u E – fol 38 et seq) ma jeċċedix is-somma ta' €46,500 ai termini tar-Reg. 5 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11. Id-dħul tagħhom fil-perjodu relevanti kien jikkonsisti f'pensjonijiet (Dok. D) fl-ammont totali ta' € 17,905. Id-dħul taxxabbli tagħhom fl-2020 kien ta' €17,983 (Dok E).

In kwantu għall-kapital, mid-dokumenti eżebiti dan ukoll huwa anqas mill-kapital indikat fir-Reg. 6 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11. Mid-dokumenti esebiti jirriżulta li l-intimati għandhom erba' kontijiet bankarji mal-Bank of Valletta plc (Dok. F sa I – fol 47 et seq) b' bilanċi ta' €2.27, €150, €59.50 u €440.59. Giet ukoll prezentata ċedola ta' depozitu ta' €263.68 (Dok J). L-intimati jiddikjaraw ukoll li m'ghandhom ebda dhul jew assi/proprjeta ohra ghajr dak dikjarat fin-nota guramentata.

Għaldaqstant, il-Bord wara li qies u evalwa l-provi kollha flimkien mad-dokumenti eżebiti, liema provi ma gew bl-ebda mod kontradetti, huwa tal-fehma li l-intimati għandhom mezzi limitati, u jissodisfaw il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi skont ir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u l-Artikolu 4A tal-Kap. 69.

Għalhekk, il-kwistjoni prinċipali li trid tiġi determinata permezz ta' din is-sentenza hija f'liema persentaġġ il-kera għandha togħla, u dan stante li dan il-Bord irid jiffissa l-ammont il-ġdid ta' kera sa massimu ta' 2% tal-valur fis-suq tal-fond in kwistjoni. Il-Bord ra wkoll ir-relazzjoni tal-membri tekniċi l-Perit Valerio Schembri u l-Perit Kevin Abela (fol 41 et seq), li wara li aċċedew fil-fond fit-22 ta' Marzu 2022 stmaw il-fond in kwistjoni fil-valur ta' €110,000 (fol 42). Applikat il-provvediment tas-sub-artikolu (3) tal-artikolu 23 tal-Kap 69, il-Bord hu tal-fehema li ghandu jistrieħ fuq l-istima tal-Membri Tekniċi tieghu ladarba, kif jirrizulta mir-rapport taghhom dawn kienu unanimi fil-fehma tagħhom. **B'hekk il-Bord sejjer jadotta l-valur ta' mija u ghaxart elef Ewro (€110,000).**

Illi l-liġi ma tistabilixxix b'mod ċar il-kriterji li l-Bord irid japplika fl-eżerċizzju ta' din id-diskrezzjoni mogħtija lilu. Stante li l-artikoli 12B tal-Kapitolu 158 u 4A tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta huma identiċi inkwantu għal dak li jirrigwarda d-diċitura, għaldaqstant l-insenjamenti tal-Qrati rigwardanti kif din id-diskrezzjoni jeħtieġ li tiġi eżerċitata fir-rigward ta' kawzi taht il-Kap 158, jistgħu jsibu wkoll l-applikazzjoni tagħhom fil-kawża odjerna. Fis-sentenza fl-ismijiet **Gerald Camilleri et vs l-Avukat Generali et** il-Qorti Kostituzzjonali ggwidat lil dan il-Bord kif ġej:-

*"23. Il-fatt illi jista' jkun illi fis-suq ħieles tista' ssib lil min jista' u huwa lest li jħallas b'kera daqs erbgħa fil-mija (4%) fis-sena ta' kemm jiswa l-fond mikri, ma jfissirx illi ma hemmx sezzjoni mdaqqsa tal-popolazzjoni li ma tiflaħx tħallas daqshekk, u għalhekk, meta tqis ukoll ilvalur soċjali tal-akkommodazzjoni, jibqa' meħtieġ li jkun hemm forma ta' kontroll fuq iż-żjidiet fil-kera. F'suq tassew ħieles il-prezz li jitħallas għal oġġett jew servizz – fil-każ tallum il-kera – ma huwiex wieħed aritmetikament fiss, fis-sens li dejjem sejjer ikun bejn tlieta u nofs u erbgħa fil-mija (3.5-4%) iżda jiddependi mid-domanda u d-disponibilità, u għalhekk ma hemm xejn minqux fil-ġebel illi sid il-fond sejjer isib dejjem li jikrih b'kera ta' bejn tlieta u nofs u erbgħa fil-mija tal-valur kapitali.*

*---Omissis----*

*26. Dan qiegħed jingħad bla ħsara għall-konsiderazzjoni – illi hija x'aktarx ta' natura ġenerali milli applikabbli speċifikament għal dan il-każ – illi, jekk huwa tassew minnu illi l-kera fis-suq fiż-żmien relevanti jkun bejn tlieta u nofs u erbgħa fil-mija (3.5-4%), ikun għaqli l-Bord li jiregola l-Kera illi, f'każijiet taħt l-art. 12B tal-Kap. 158, jiffissa kera li jkun eqreb lejn il-massimu milli lejn il-minimu li tagħti l-liġi. Biex tinżamm proporzjonalità raġonevoli bejn il-kera fis-suq u dak li tagħti l-liġi.*

Dan il-Bord iqis li tali insenjament għandu japplika mutatis mutandis għall-każ odjern billi għalkemm si tratta ta' kirja li hija regolata din id-darba mill-Kapitolu 69 u mhux mill-Kapitolu 158, ciononostante għal dak li jirrigwarda l-mod ta' kif għandha tiżdied il-kera l-modalita' hija identika.

Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Anthony Cesareo pro et noe et vs L-Avukat Ġenerali et**, il-Qorti kienet qegħda tikkunsidra l-artikolu 12B talKapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta qabel l-introduzzjoni tal-Att XXIV tas-sena 2021. Il-bran li se jiċċita issa dan il-Bord huwa relevanti billi jikkonferma li l-Bord li Jirregola lKera għandu jikkunsidra jersaq lejn il-massimu. Il-Qorti qalet :

*"24. Li hu relevanti għall-għanijiet tal-kwistjoni preżenti hu illi l-kera kif miżjud mill-Bord li Jirregola l-Kera huwa anqas min-nofs tal-kera fis-suq, u għalhekk huwa anqas minn kemm kellu jkun meta meqjusa l-kriterji ta' Cauchi. Fil-fatt għall-ewwel sentejn il-kera huwa ta' tlett elef u seba' mitt euro (€3,700) fis-sena. Il-bord qal li dan huwa wieħed fil-mija (1%) tal-valur kapitali tal-proprjetà. Fil-fatt huwa anqas; jekk il-proprjetà stmata li tiswa erba' mitt elf euro (€400,000) wieħed fil-mija jiġi erbat elef euro (€4,000) mhux tlitt elef u seba' mija (€3,700). L-istess għat-tieni sentejn. Il-bord għolla l-kera għal erbat elef, sitt mija u ħamsa u għoxrin euro (€4,625) fis-sena, li qal li huwa wieħed u kwart fil-mija (1.25%) tal-valur kapitali meta 1.25% jiġi ħamest elef euro (€5,000). L-istess ukoll għat-tielet sentejn. Il-bord għolla l-kera għal ħamest elef ħames mija u ħamsin euro (€5,500) fis-sena, li qal li huwa wieħed u nofs fil-mija (1.5%) tal-valur kapitali meta 1.5% jiġi sitt elef euro (€6,000).*

*25. Tassew illi l-liġi trid illi l-bord "iqis il-mezzi u l-età tal-kerrej u kwalunkwe piż sproporzjonat li huwa partikolari għal sid il-kera u jista' jistabbilixxi li kwalunkwe żieda fil-kera għandha tkun gradwali". Tassew ukoll illi jagħmel sens illi ż-żieda fil-kera tkun gradwali, sabiex il-bidla li l-kerrej ikollu jagħmel fit-tenur tal-ħajja tiegħu ma tkunx goffa f'salt u jkollu żmien jadatta ruħu, għax wara kollox dawn ma humiex biss deċiżjonijiet dwar ċifri iżda jolqtu wkoll lill-bnedmin. Jibqa' l-fatt iżda illi, meta kellu s-setgħa li jgħolli l-kera sa tnejn fil-mija (2%) ta' kemm tiswa l-proprjetà, li jiġi tmint elef euro (€8,000) fis-sena, u għalhekk seta' għolla l-kera sa sitt elef euro (€6,000) fis-sena biex jissodisfa l-kriterju ta' Cauchi, il-bord kien x'aktarx "xħiħ" mas-sid bla ma fisser jekk kienx hemm raġunijiet partikolari fiċ-ċirkostanzi tal-każ li jiġġustifikaw dan, u, anzi, osserva illi "hemm possibilità li jingħata sussidju mill-Awtorità tad-Djar", li jkun ifisser li l-kerrej jiflaħ iħallas kera ogħla. 26. L-atturi iżda ma appellawx minn din id-deċiżjoni tal-bord."*

Imbagħad fil-kawza fl-ismijiet **Maria Pintley vs L-Avukat tal-Istat et**, il-Qorti Kostituzzjonali deċiża fl-1 ta' Diċembru 2021 li trattat ukoll l-Artikolu 12B tal-Kapitolu 158 tenniet hekk:

*22. Dan apparti li m'hemm xejn x'iżomm lill-Bord milli jiffissa r-rata ta' kera viċin ta' 2% tal-valur tal-fond meta jqis l-iskema li introduċa l-Gvern għas-sussidju tal-kera f'residenzi mikrija qabel l-1 ta' Ġunju, 1995, u li biha jkopri l-parti l-kbira tal-awment fil-kera (ara f'dan ir-rigward sentenza Rik. Kost. 137/20/1 13 ta' din il-Qorti, Lorenza Zarb v. Carmelo Caruana et tat-30 ta' Ġunju, 2021, kif ukoll tagħrif dwar l-iskema fil-website tal-Awtorita` tad-Djar)*

Dan ir-raġunament fil-fehma tal-Bord japplika wkoll għall-proċeduri taħt il-Kapitolu 69.

Inoltre l-Bord hu tal-fehma li ż-żieda fil-kera għandha tkun b'effett mid-data tas-sentenza. Dan in linea wkoll ma' dak deċiż mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Alessandra Radmilli vs Marion Pace Bonello et**[1] fejn il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

*Minkejja li fid-diskors li sar fil-Parlament, iċċitat estensivament supra, qabel id-dħul fis-seħħ talimsemmi Att, jirriżulta li l-ħsieb tal-leġiżlatur oriġinarjament kien li l-awment għandu jibda japplika mis-sena meta ssir it-talba lill-Bord mis-sidien, il-Qorti mhix konvinta li t-test tal-liġi jfisser proprju dan. Is-subartikolu (2) tal-artikolu 12 B jgħid hekk:*

*"Il-proprjetarju għandu jkollu l-jedd jippreżenta rikors quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera fejn jitlob li lkera tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-tnejn fil-mija fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni tal-1 ta' Jannar tas-sena li matulha jiġi ppreżentat ir-rikors u sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda fil-ħlas tal-kera."*

[1] App Nru: 242/2018 deċiża fis-17 ta' Frar 2021

*Mill-banda l-oħra, it-test bl-Ingliż jgħid hekk:*

*"The owner shall be entitled to file an application before the Rent Regulation Board demanding that the rent be revised to an amount not exceeding two percent per annum of the open market freehold value of the dwelling house on the 1st of January of the year during which the application is filed and that new conditions be established in respect of the lease."*

*It-test tal-liġi, kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż ma jinftihemx li l-awment fil-kera għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar tas-sena meta jiġi ppreżentat ir-rikors quddiem il-Bord. Dak li tgħid il-liġi hawn huwa li ż-żieda fil-kera mill-Bord għandha tinħadem fuq il-valur li jkollu l-fond fl-1 ta' Jannar tas-sena meta jkun ġie ppreżentat ir-rikors, u mhux li l-awment fil-kera għandu japplika b'effett minn qabel jiddaħħal ir-rikors bit-talba tas-sid. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhux ġustifikat u tiċħdu".*

Applikati dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali u kunsiderazzjonijiet sudetti għall-fatti kif jirriżultaw f'dan il-każ, il-Bord iqis li tenut kont (i) taċ-ċirkostanzi tal-intimati kif jirrizultaw mit-test tal-mezzi (ii) l-kera baxxa li titħallas lir-rikorrenti (iii) il-valur tal-fond liberu u frank, (iv) il-proċedura ta' għoti ta' benefiċċju fuq il-kera mħallsa minn inkwilini li qed titħaddem mill-Awtorita' tad-Djar u (v) il-ħtieġa li jintlaħaq bilanċ proporzjonali bejn id-dritt tas-sid li jirċievi kera xierqa għall-fond li jappartjeni lilu u li jkun soġġett għal restrizzjonijiet għal finijiet soċjali u d-dritt tal-inkwilin li jibqa jgawdi l-protezzjoni li ttih il-Ligi, il-kera tal-fond mertu tal-kawża f'dan il-każ għandha tkun ta' €2,200 fis-sena u ċjoe 2% tal-valur tal-fond stmat mill-membri tekniċi b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

## III. <u>KONKLUŻJONI</u>

Illi għalhekk għal dawn il-motivi, il-Bord jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti u mir-risposta tal-intimati u tal-Awtroita' tad-Djar billi:-

1. Jilqa' l-ewwel talba u jiddikjara li Raymond Mercieca (K.I. 355257M) u Jennifer Mercieca (K.I. 806048M) huma l-inkwilini tar-rikorrenti fil-fond 6, Triq Freres, Gżira ai termini tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jilqa' t-tieni talba;

3. Jilqa' in parte it-tielet u r-raba talbiet u filwaqt li jiddikjara li l-intimati jissodisfaw il-kriterji tad-dhul u tal-kapital tat-test tal-mezzi jordna illi l-kera tal-fond 6, Triq Freres, Gżira ghandha tigi riveduta u awmentata għal elfejn u mitejn Ewro (€2,200) fis-sena rappreżentanti 2% tal-valur tal-fond stmat mill-membri tekniċi u dan b'effett mid-data ta' din is-sentenza liema kera ghandha tkun pagabbli

f'zewg skadenzi ossia fis-somma ta' €1,100 kull sitt xhur bil-quddiem u jordna lill-intimati sabiex ihallsu lir-rikorrenti l-kera kif hawn awmentata u bil-modalita' hawn stabbilta; filwaqt li jiċħad dik il-parti tat-talba fejn qed jintalab li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda għal kera, stante li għandha tapplika l-Liġi.

4. Jiċħad il-ħames talba;

5. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati u tal-Awtorita' safejn dawn huma inkompatibbli ma' dak li ġie deċiż hawn fuq.

Kull parti għandha tbagħti l-ispejjeż tagħha.

**Moqrija.**

**Dr. Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

**Caroline Perrett**
**Deputat Reġistratur**

**30 ta' Settembru 2022**